



Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2017/0224(COD)

22.3.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni Ewropea
(COM(2017)0487 – C8-0309/2017 – 2017/0224(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Geoffrey Van Orden

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-investiment dirett barrani minn dejjem kien essenzjali għall-iżvilupp tan-nazzjonijiet Ewropej u tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li s-setturi tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali jaraw l-akbar benefiċċju dirett minn sorsi ta' investiment dirett barrani (IDB), l-impatt ta' dan tal-aħħar jista' jkun sinifikanti wkoll fuq is-sigurtà u l-interessi strateġiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Żviluppi reċenti fil-kuntest tas-sigurtà u d-difiża Ewropea, l-aktar reċenti permezz tal-iffirmar ta' PESCO f'Novembru 2017, wessgħu l-implikazzjonijiet tal-flussi tal-IDB. Filwaqt li jintlaħqu l-għanijiet iddikjarati ta' trasparenza, responsabbiltà u sigurtà mtejbja fil-mod kif jiġi ttrattat l-IDB fl-UE, tali proċess irid jiġi ġestit bir-reqqa sabiex jiġi żgurat li l-kompetenzi u d-drittijiet ta' Stati Membri individwali jkunu rispettati, mingħajr ma jiġu assorbiti gradwalment mill-Kummissjoni jew minn korpi oħra tal-Unjoni, u li l-Istati Membri jżommu d-dritt aħħari li japprovaw jew jiċħdu IDB fi ħdan il-fruntieri tagħhom stess. Dan huwa partikolarment importanti minħabba r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru għas-sigurtà nazzjonali tiegħu u minħabba l-fatt li jistgħu jkunu involuti informazzjoni kummerċjalment sensitiva u proċeduri sensitivi b'rabta maż-żmien.

Għaldaqstant, huwa kruċjali li l-Istati Membri ma jiġux sfurzati jadottaw jew iżommu mekkaniżmi ta' skrinjar fejn tali mekkaniżmi ma jissodisfawx l-interessi tagħhom. Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tirrispetta r-rieda tal-Istati Membri individwali f'dan ir-rigward, huwa kruċjali li "l-ħtiġijiet bażiċi" li għandhom inkomuni l-mekkaniżmi futuri ta' skrinjar ma jaffettwawx ir-reqwiziti varji u uniċi tal-Istati Membri individwali, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà u tal-interessi strateġiċi, u li l-Istati Membri ma għandhomx iċedu l-integrità u s-sigurtà tagħhom lil awtorità oħra meta jikkondividu d-data u l-informazzjoni sensitiva. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu evitati elementi obligatorji.

Fl-aħħar nett, minħabba l-ħruġ imminenti tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, huwa wkoll meħtieġ ċentru għal investituri barranin li jfittxu aċċess għas-suq uniku tal-UE, sabiex il-mekkaniżmi ta' skrinjar iqisu b'mod speċjali dawk il-flussi ta' IDB fl-UE li ġejjin mir-Renju Unit, kif ukoll li jsiru arranġamenti speċjali għall-investimenti futuri tar-Renju Unit fl-UE bħala sors ġdid ta' IDB.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 1

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
(1) L-investiment dirett barrani jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-Unjoni, billi jtejjeb il-kompetittività tiegħu, joħloq	(1) L-investiment dirett barrani jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-Unjoni, billi jtejjeb il-kompetittività tiegħu,

l-impjiegi u l-ekonomiji ta' skala, iġib il-kapital, it-teknoloġiji, l-innovazzjoni, il-kompetenzi, u billi jiftaħ swieq ġodda għall-esportazzjonijiet tal-Unjoni. Jappoġġa l-oġettivi tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa tal-Kummissjoni u jikkontribwixxi għal proġetti u programmi oħra tal-Unjoni.

jiġġenera t-tkabbir, joħloq l-impjiegi u l-ekonomiji ta' skala, iġib il-kapital, it-teknoloġiji, l-innovazzjoni, il-kompetenzi, u billi jiftaħ swieq ġodda għall-esportazzjonijiet tal-Unjoni. Jappoġġa l-oġettivi tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa tal-Kummissjoni u jikkontribwixxi għal proġetti u programmi oħra tal-Unjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) L-ekonomija Ewropea hija waħda mill-aktar miftuħa fid-dinja, u t-tkabbir Ewropew u l-kompetittività Ewropea jiddependu fuq dan il-ftuħ u fuq il-kummerċ. Madankollu, l-Ewropa qed tbatu minn nuqqas ta' aċċess reċiproku għas-swieq tas-sħab kummerċjali tagħha, li jdgħajjef l-ekonomija u l-industrija tagħha u jxekkel il-kumpaniji tagħha.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Skont l-impjenji internazzjonali meħuda fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, fl-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, u fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment konklużi ma' pajjiżi terzi, l-Unjoni u Stati Membri jistgħu jadottaw miżuri restrittivi relatati ma' investiment dirett barrani fuq il-bażi ta' sigurtà jew ***ordni pubbliku***, soġġett għal ċerti rekwiżiti.

(3) Skont l-impjenji internazzjonali meħuda fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, fl-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, u fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment konklużi ma' pajjiżi terzi, l-Unjoni u Stati Membri jistgħu jadottaw miżuri restrittivi relatati ma' investiment dirett barrani fuq il-bażi ta' sigurtà, ***ordni pubbliku, interess strateġiku, drittijiet fundamentali*** jew ***il-protezzjoni ta' teknoloġiji ewlenin***, soġġett għal ċerti rekwiżiti.

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat.)

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Diversi Stati Membri daħħlu fis-seħħ miżuri li permezz tagħhom jistgħu jirrestrinġu l-moviment ta' kapital bejn l-Istati Membri u bejn Stati Membri u pajjiżi terzi għal raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika. Dawn il-miżuri jirriflettu l-oġettivi u t-tħassib tal-Istati Membri fir-rigward tal-investment dirett barrani, u jirriżultaw f'għadd ta' miżuri differenti f'termini ta' ambitu u proċedura. Stati Membri oħrajn ma għandhomx dawn il-mekkaniżmi.

Emenda

(4) Diversi Stati Membri daħħlu fis-seħħ miżuri li permezz tagħhom jistgħu jirrestrinġu l-moviment ta' kapital bejn l-Istati Membri u bejn Stati Membri u pajjiżi terzi għal raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika. Dawn il-miżuri jirriflettu l-oġettivi u t-tħassib tal-Istati Membri fir-rigward tal-investment dirett barrani, u jirriżultaw f'għadd ta' miżuri differenti f'termini ta' ambitu u proċedura. Stati Membri oħrajn ma għandhomx dawn il-mekkaniżmi ***u għalhekk jenħtieġ li jintroduċuhom.***

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Huwa importanti li tingħata ċertezza tad-dritt u li tiġi żgurata koordinazzjoni u kooperazzjoni madwar l-UE billi jiġi stabbilit qafas għall-iskrinjar ta' investment dirett barrani fl-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà*** unika tal-Istati Membri ***għall-manteniment tas-sigurtà*** nazzjonali.

Emenda

(7) Huwa importanti li tingħata ċertezza tad-dritt u li tiġi żgurata koordinazzjoni u kooperazzjoni madwar l-UE billi jiġi stabbilit qafas għall-iskrinjar ta' investment dirett barrani fl-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. ***Jenħtieġ li din iċ-ċertezza legali ma tinterferixxix mar-responsabbiltà*** unika tal-Istati Membri ***biex jawtorizzaw u jikkontrollaw is-sigurtà*** nazzjonali ***tal-pajjiżi rispettivi tagħhom u jenħtieġ li jqisu debitament id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 346 tat-TFUE.***

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li l-qafas għall-iskrinjar ta' investiment dirett barrani jipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bil-mezzi biex jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku b'mod komprensiv, **u biex** jadattaw għal tibdil fiċ-ċirkustanzi, filwaqt li jżommu l-flessibbiltà meħtieġa biex l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti diretti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku filwaqt li jqisu s-sitwazzjonijiet individwali u ċ-ċirkustanzi nazzjonali **tagħhom**.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu ggwidati fl-applikazzjoni tar-Regolament, huwa xieraq li tingħata lista ta' fatturi li jistgħu jitqiesu meta jiġi skrinjat investiment dirett barrani għal raġunijiet ta' **sigurta** jew ordni pubbliku. Din il-lista ttejjeb ukoll it-trasparenza tal-proċess tal-iskrinjar għall-investituri li jqisu jew li jkunu għamlu investimenti diretti barranin fl-Unjoni. Jenħtieġ li din il-lista ta' fatturi li tista' taffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tibqa' mhux eżawrjenti.

Emenda

(8) Jenħtieġ li l-qafas għall-iskrinjar ta' investiment dirett barrani jipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bil-mezzi **neċessarji** biex jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku b'mod komprensiv, **biex ikunu jistgħu** jadattaw għal tibdil fiċ-ċirkustanzi, filwaqt li jżommu l-flessibbiltà meħtieġa biex l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti diretti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku filwaqt li jqisu s-sitwazzjonijiet individwali u ċ-ċirkustanzi nazzjonali **li jvarjaw f'kull Stat Membru**.

Emenda

(11) Sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu ggwidati fl-applikazzjoni tar-Regolament, huwa xieraq li tingħata lista ta' fatturi li jistgħu jitqiesu meta jiġi skrinjat investiment dirett barrani għal raġunijiet ta' **sigurtà** jew ordni pubbliku. Din il-lista ttejjeb ukoll it-trasparenza tal-proċess tal-iskrinjar għall-investituri li jqisu jew li jkunu għamlu investimenti diretti barranin fl-Unjoni **u tipprovdi bażi għall-awtorità kompetenti li twieġeb għal kwalunkwe rieżami ġudizzjarju potenzjali ta' dan l-iskrinjar**. Jenħtieġ li din il-lista ta' fatturi li tista' taffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tibqa' mhux eżawrjenti.

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun hemm rabta ċara bejn l-iskrinjar ta' investiment u theddida għas-sigurtà. F'kull rieżami ġudizzjarju, il-qrati għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw il-fatturi li l-awtorità tkun ħadet inkunsiderazzjoni.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Biex jiddeterminaw jekk investiment dirett barrani jistax jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni **jkunu jistgħu** jqisu l-fatturi rilevanti kollha, inklużi l-effetti dwar l-infrastruttura kritika, it-teknoloġiji, inklużi t-teknoloġiji abilitanti essenzjali, u kontributi li huma essenzjali għas-sigurtà jew il-manteniment ta' ordni pubbliku, **u t-tfixkil**, it-telf jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fi Stat Membru jew fl-Unjoni. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni **jkunu jistgħu** jqisu wkoll jekk investitur barrani jkunx ikkontrollat direttament jew indirettament (pereżempju permezz ta' finanzjament sinifikanti, inklużi sussidji) mill-gvern ta' pajjiż terz.

Emenda

(12) Biex jiddeterminaw jekk investiment dirett barrani jistax jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jqisu l-fatturi rilevanti kollha, inklużi l-effetti dwar l-infrastruttura kritika, **l-implikazzjonijiet għad-difiża nazzjonali u l-industriji tad-difiża Ewropea**, it-teknoloġiji **kritiċi**, inklużi t-teknoloġiji abilitanti essenzjali, u kontributi li huma essenzjali għas-sigurtà jew il-manteniment ta' ordni pubbliku, **it-tfixkil**, it-telf jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fi Stat Membru jew fl-Unjoni. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jqisu wkoll jekk investitur barrani jkunx ikkontrollat direttament jew indirettament (pereżempju permezz ta' finanzjament sinifikanti, inklużi sussidji,) mill-gvern ta' pajjiż terz, **fid-dawl tal-fatt li kontroll effettiv jista' jirriżulta wkoll mill-użu ta' kreditu u self estiż mill-gvern ta' pajjiż terz jew istituzzjoni finanzjarja tal-Istat, jew kwalunkwe intrapriża oħra tal-Istat ta' pajjiż terz.**

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-elementi essenzjali tal-qafas proċedurali għall-iskrinjar tal-investment dirett barrani mill-Istati Membri biex l-investituri, il-Kummissjoni u Stati Membri oħra jkun jistgħu jifhmu kif dawn l-investimenti aktarx jiġu skrinjati u biex jiġi żgurat li dawn l-investimenti jiġu skrinjati b'mod

Emenda

(13) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-elementi essenzjali tal-qafas proċedurali għall-iskrinjar tal-investment dirett barrani mill-Istati Membri biex l-investituri, il-Kummissjoni u Stati Membri oħra jkun jistgħu jifhmu kif dawn l-investimenti aktarx jiġu skrinjati u biex jiġi żgurat li dawn l-investimenti jiġu skrinjati b'mod

trasparenti u li jkunu nondiskriminatorji minn pajjiż terz għal ieħor. Jenħtieġ li tal-inqas dawn l-elementi jinkludu l-istabbiliment ta' perjodi ta' żmien għall-iskrinjar u l-possibbiltà li l-investituri barranin jfittxu rimedju għal deċiżjonijiet ta' skrinjar.

trasparenti u li jkunu nondiskriminatorji minn pajjiż terz għal ieħor. Jenħtieġ li tal-inqas dawn l-elementi jinkludu l-istabbiliment ta' perjodi ta' żmien għall-iskrinjar **ta' data u rekwiżiti kwalitattivi minimi għaliha li l-Istati Membri jridu jipprovdu biex jittejbu l-affidabbiltà u l-komparabbiltà tas-settijiet ta' data dwar l-investment barrani** u l-possibbiltà li l-investituri barranin jfittxu rimedju għal deċiżjonijiet ta' skrinjar.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) **Għandu** jiġi stabbilit mekkaniżmu li jippermetti li Stati Membri jikkooperaw u jassistu lil xulxin meta investment dirett barrani fi Stat Membru jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stati Membri oħra. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu **jipprovdu kummenti lil** Stat Membru li fih l-investment ikun ippjanat jew ikun komplut, irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jipprovdux kummenti jew l-Istati Membri li fihom l-investment ikun ippjanat jew ikun komplut iżommux mekkaniżmu ta' skrinjar jew jiskrinjawx l-investment. Jenħtieġ li l-kummenti tal-Istati Membri jaslu wkoll għand il-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha wkoll il-possibbiltà, meta xieraq, li tagħti opinjoni lill-Istat Membru li fih ikun ippjanat jew ikun komplut l-investment, irrispettivament minn jekk dan l-Istat Membru jżommx mekkaniżmu ta' skrinjar jew jiskrinjax l-investment u irrispettivament minn jekk Stati Membri oħrajn jipprovdux kummenti.

Emenda

(14) **Għandu** jiġi stabbilit mekkaniżmu li jippermetti li Stati Membri jikkooperaw u jassistu lil xulxin meta investment dirett barrani fi Stat Membru jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stati Membri oħra. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu **jikkomunikaw b'mod adegwat, permezz ta' mezzi xierqa, ma' kwalunkwe** Stat Membru **ieħor** li fih l-investment ikun ippjanat jew ikun komplut, irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jipprovdux kummenti jew l-Istati Membri li fihom l-investment ikun ippjanat jew ikun komplut iżommux mekkaniżmu ta' skrinjar jew jiskrinjawx l-investment. Jenħtieġ li l-kummenti tal-Istati Membri jaslu wkoll għand il-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha wkoll il-possibbiltà, meta xieraq, li tagħti opinjoni lill-Istat Membru li fih ikun ippjanat jew ikun komplut l-investment, irrispettivament minn jekk dan l-Istat Membru jżommx mekkaniżmu ta' skrinjar jew jiskrinjax l-investment u irrispettivament minn jekk Stati Membri oħrajn jipprovdux kummenti.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tiskrinja l-investimenti diretti barranin li aktarx jaffettwaw il-proġetti u l-programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. Dan iservi ta' għodda biex il-Kummissjoni tiproteġi l-proġetti u l-programmi li jservu l-Unjoni kollha kemm hi u jirrappreżentaw kontribut importanti għat-tkabbir ekonomiku, għall-impjiegi u għall-kompetittività. Jenħtieġ li dan jinkludi b'mod partikulari proġetti u programmi li jinvolvu finanzjament **sostanzjali** mill-UE jew stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew kontributi kritiċi. Għal aktar ċarezza, jenħtieġ li tiġi elenkata f'Anness lista indikattiva ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni li fir-rigward tagħhom investiment dirett barrani **jista'** jiġi soġġett għal skrinjar mill-Kummissjoni.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tiskrinja l-investimenti diretti barranin li aktarx jaffettwaw il-proġetti u l-programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. Dan iservi ta' għodda biex il-Kummissjoni tiproteġi l-proġetti u l-programmi li jservu l-Unjoni kollha kemm hi u jirrappreżentaw kontribut importanti għat-tkabbir ekonomiku, għall-impjiegi, **għas-sigurtà, għall-interess strateġiku** u għall-kompetittività. Jenħtieġ li dan jinkludi b'mod partikulari proġetti u programmi li jinvolvu finanzjament mill-UE jew stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward infrastruttura kritika, **difiża**, teknoloġiji kritiċi jew kontributi kritiċi. Għal aktar ċarezza, jenħtieġ li tiġi elenkata f'Anness lista indikattiva ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni li fir-rigward tagħhom investiment dirett barrani **jenħtieġ li** jiġi soġġett għal skrinjar mill-Kummissjoni. **Kull meta jiġu stabbiliti proġetti jew programmi ġodda, jenħtieġ li din il-lista tiġi aġġornata minnufih.**

Emenda

(15a) Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew ikollu l-possibbiltà jitlob mill-Kummissjoni l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-proġetti u l-programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis bis-sħiħ il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tipprovdi spjegazzjonijiet kull

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Meta l-Kummissjoni tqis li investiment dirett barrani aktarx jaffettwa proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tindirizza opinjoni lill-Istati Membri li fihom dan l-investment ikun ippjanat jew komplut f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu bis-sħiħ l-opinjoni u jagħtu spjegazzjoni lill-Kummissjoni jekk ma jsegwux din l-opinjoni, f'konformità mal-obbligu tagħhom ta' kooperazzjoni sinċiera skont l-Artikolu 4(3) TUE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni ***jkollha wkoll il-possibbiltà li*** titlob mingħand dawn l-Istati Membri l-informazzjoni meħtieġa għall-iskrinjar tagħha ta' dan ***l-investment***.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) ***Sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni*** ma' Stati Membri oħrajn u l-iskrinjar ta' investiment dirett barrani mill-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw il-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom u kull emenda għalihom lill-Kummissjoni, u jenħtieġ li ***jirrappurtaw*** dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' skrinjar fuq bażi regolari. Għall-istess raġuni, ***jenħtiep*** li l-Istati Membri li ma għandhomx mekkaniżmu ta' skrinjar

Emenda

(16) Meta l-Kummissjoni tqis li investiment dirett barrani aktarx jaffettwa proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tindirizza opinjoni lill-Istati Membri li fihom dan l-investment ikun ippjanat jew komplut f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu bis-sħiħ l-opinjoni u jagħtu spjegazzjoni ***dettaljata*** lill-Kummissjoni jekk ma jsegwux din l-opinjoni, f'konformità mal-obbligu tagħhom ta' kooperazzjoni sinċiera skont l-Artikolu 4(3) TUE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tkun tista'*** titlob mingħand dawn l-Istati Membri l-informazzjoni meħtieġa għall-iskrinjar tagħha ta' dan ***l-investment***.

Emenda

(17) ***Peress li s-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni*** ma' Stati Membri oħrajn u l-iskrinjar ta' investiment dirett barrani mill-Kummissjoni ***kif ukoll sabiex jittejbu l-affidabbiltà u l-komparabbiltà tad-data pprovduta mill-Istati Membri***, jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw il-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom u kull emenda għalihom lill-Kummissjoni, u jenħtieġ li ***jirrappurtaw***

jirrapportaw ukoll fuq l-investimenti diretti barranin li seħħew fit-territorju tagħhom, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għalihom.

dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' skrinjar fuq bażi regolari. Għall-istess raġuni, **jenħtieġ** li l-Istati Membri li ma għandhomx mekkaniżmu ta' skrinjar jirrapportaw ukoll fuq l-investimenti diretti barranin li seħħew fit-territorju tagħhom, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għalihom.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw il-ħarsien ta' informazzjoni kunfidenzjali u informazzjoni sensitiva oħra.

Emenda

(20) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw il-ħarsien ta' informazzjoni kunfidenzjali u informazzjoni sensitiva oħra, ***b'mod partikolari meta jikkonċernaw is-sigurtà u l-integrità ta' Stat Membru.***

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni ta' investimenti diretti ***baranin*** fl-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku.

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni ta' investimenti diretti ***barranin*** fl-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, ***mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà unika tal-Istati Membri għas-sigurtà nazzjonali tagħhom.***

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. "investment dirett barrani" tfisser investimenti ta' kull tip minn investitur barrani li għandu l-għan li jstabilixxi jew li jżomm rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur barrani u l-imprenditur jew l-impriża li l-kapital ikun qed isir disponibbli għalihom sabiex iwettqu attività ekonomika **fi** Stat Membru, inklużi investimenti li jippermettu parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' kumpanija li twettaq attività ekonomika.

Emenda

1. "investment dirett barrani" tfisser investimenti ta' kull tip minn investitur barrani li għandu l-għan li jstabilixxi jew li jżomm rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur barrani u l-imprenditur jew l-impriża li l-kapital ikun qed isir disponibbli għalihom sabiex iwettqu attività ekonomika **fit-territorju jew fiż-Żona Ekonomika Esklussiva ta'** Stat Membru, inklużi investimenti li jippermettu parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' kumpanija li twettaq attività ekonomika.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-investimenti għal attività ekonomika fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tal-Istati Membri jkunu koperti.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. "investitur barrani" tfisser persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz li beħsiebha tagħmel jew li għamlet investment dirett barrani;

Emenda

2. "investitur barrani" tfisser persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz li beħsiebha tagħmel jew li għamlet investment dirett barrani, **kif ukoll persuna fiżika jew impriża bbażata fi Stat Membru iżda kkontrollata jew iffinanzjata b'mod konkret minn pajjiż terz;**

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Teknoloġiji ewlenin ifissru teknoloġiji jew ditti li fuqhom tiddependi fergħa ta' industriji, kif previst, bħala eżempju, fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4,

paragrafu 1;

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri **jistgħu jżommu**, jemendaw jew jadottaw mekkaniżmi biex jiskrinjaw investimenti diretti barranin għal raġunijiet ta' **sigurta** jew ordni pubbliku, taħt il-kundizzjonijiet u skont it-termini **stabbili** f'dan ir-Regolament.

Emenda

1. L-Istati Membri **għandhom iżommu**, jemendaw jew jadottaw mekkaniżmi biex jiskrinjaw investimenti diretti barranin għal raġunijiet ta' **sigurtà** jew ordni pubbliku, taħt il-kundizzjonijiet u skont it-termini **stabbiliti** f'dan ir-Regolament.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni **tista'** tiskrinja investimenti diretti barranin li aktarx jaffettwaw proġetti **jew** programmi **ta' interess għall-Unjoni** għal raġunijiet ta' **sigurta** jew ordni pubbliku.

Emenda

2. Il-Kummissjoni **għandha** tiskrinja investimenti diretti barranin li aktarx jaffettwaw proġetti **u** programmi **tal-Unjoni** għal raġunijiet ta' **sigurtà** jew ordni pubbliku.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għandhom jinkludu b'mod partikulari dawk il-proġetti u programmi li jinvolve **ammont sostanzjali jew sehem sinifikanti mill-finanzjament** tal-UE, jew li huma koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward l-infrastruttura kritika, it-teknoloġiji kritiċi jew il-kontributi kritiċi. Lista indikattiva ta' proġetti jew programmi

Emenda

3. Proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għandhom jinkludu b'mod partikulari dawk il-proġetti u programmi li jinvolve **finanzjament** tal-UE, jew li huma koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward l-infrastruttura kritika, **id-difiża**, it-teknoloġiji kritiċi jew il-kontributi kritiċi. Lista indikattiva **u mhux eżawrjenti** ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-

ta' interess għall-Unjoni hija inkluża fl-Anness 1.

Unjoni hija inkluża fl-Anness 1.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Fatturi li **jistgħu** jitqiesu fl-iskrinjar

Emenda

Fatturi li **għandhom** jitqiesu fl-iskrinjar

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Fl-iskrinjar ta' investiment dirett barrani għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, l-Istati Membri u l-Kummissjoni **tista' tqis** l-effetti potenzjali fuq, fost affarijiet oħra:

Emenda

Fl-iskrinjar ta' investiment dirett barrani għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, l-Istati Membri u l-Kummissjoni **għandhom iqisu** l-effetti potenzjali fuq, fost affarijiet oħra:

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

- l-infrastruttura kritika, inklużi **l-enerġija**, it-trasport, il-komunikazzjoni, il-ħżin tad-dejta, **l-infrastruttura tal-ispazju jew** finanzjarja, kif ukoll il-faċilitajiet sensitivi;

Emenda

- l-infrastruttura kritika, inklużi **l-materjal kritiku u l-materja prima kritika, is-sigurtà tal-enerġija**, it-trasport, il-komunikazzjoni, **is-servizzi tas-saħħa pubblika, il-midja**, il-ħżin tad-dejta, **l-ajruspazju jew l-infrastruttura** finanzjarja, kif ukoll il-faċilitajiet sensitivi **u l-industriji u l-infrastruttura tas-sigurtà u tad-difiża, bħall-bażijiet militari, u l-investiment dirett barrani f'art u proprjetà immobbli li jistgħu jaffettwaw l-użu ta' dik l-infrastruttura tad-difiża**;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- it-teknoloġiji kritiċi, **inkluži** l-intelligenza artifiċjali, ir-robotika, is-semikondutturi, **it-teknoloġiji** b'applikazzjoni b'uzu doppju potenzjali, iċ-ċibersigurtà, it-teknoloġija tal-ispazju jew nukleari;

Emenda

- it-teknoloġiji kritiċi, **inkluża** l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika, is-semikondutturi, **in-nanoteknoloġiji, il-bijoteknoloġiji, teknoloġiji oħra** b'applikazzjoni b'użu doppju potenzjali, iċ-ċibersigurtà, **it-teknoloġiji militari u tad-difiża, it-teknoloġija tas-sorverlanza ċibernetika u tal-intrużjoni, l-ajruspazju,** it-teknoloġija tal-ispazju jew nukleari **jew kwalunkwe teknoloġija oħra tal-ogħla livell ta' importanza strateġika, kif ukoll impriżi fil-katina tal-provvista għall-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża fejn jeżisti riskju ta' trasferiment għal pajjiż, li jippreżenta riskju għas-sigurtà globali jew reġjonali;**

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **ir-rwol li l-impriża tiżvolġi fi proġetti kollaborattivi ta' riċerka u żvilupp u l-aċċess għat-teknoloġija, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-għarfien assoċjati mal-programm ta' riċerka u żvilupp;**

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

- l-aċċess għal informazzjoni sensittiva jew il-kapaċità li tiġi kontrollata

Emenda

- l-aċċess għal informazzjoni **nazzjonali u Ewropea** sensittiva jew

informazzjoni sensittiva.

strateġika dwar is-sigurtà, jew il-kapaċità li tiġi kontrollata informazzjoni sensittiva jew strateġika dwar is-sigurtà.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fid-determinazzjoni ta' jekk investiment dirett barrani aktarx jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku, l-Istati Membri u l-Kummissjoni **jistgħu jqisu** jekk l-investitur barrani huwiex ikkontrollat mill-gvern ta' pajjiż terz, inkluż permezz ta' finanzjament sinifikanti.

Emenda

Fid-determinazzjoni ta' jekk investiment dirett barrani aktarx jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku, l-Istati Membri u l-Kummissjoni **għandhom iqisu** jekk l-investitur barrani huwiex ikkontrollat mill-gvern, **direttament jew indirettament**, ta' pajjiż terz, inkluż permezz ta' finanzjament sinifikanti, **b'mod partikolari jekk dak il-gvern ma jirrispettax bis-siġħ id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u ma jikkonformax man-normi rilevanti fil-kontroll internazzjonali tal-armi bħat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT), jekk intużawx strutturi bi sjieda suspettuża fejn is-sid prinċipali ma jkunx magħruf, jew jekk ikunx hemm ksur tar-regoli tas-suq komuni.**

Il-Kummissjoni jew l-Istati Membri jistgħu jivvalutaw b'mod pożittiv fatturi ġeopolitiċi, bħal pereżempju jekk l-impriża hijiex ibbażata f'pajjiż membru tan-NATO.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri **jistgħu jżommu**, jemendaw jew jadottaw miżuri meħtieġa biex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tal-mekkaniżmi ta' skrinjar u d-deċiżjonijiet ta'

Emenda

L-Istati Membri **għandhom iżommu**, jemendaw jew jadottaw miżuri meħtieġa biex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tal-mekkaniżmi ta' skrinjar u d-deċiżjonijiet ta'

skrinjar.

skrinjar.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Investituri u impriżi barranin ikkonċernati għandu jkollhom l-possibbiltà li jfittxu rimedju ġudizzjarju kontra deċiżjonijiet tal-iskrinjar tal-awtoritajiet nazzjonali.

Emenda

4. Investituri u impriżi barranin ikkonċernati għandu jkollhom l-possibbiltà li jfittxu rimedju ġudizzjarju kontra deċiżjonijiet tal-iskrinjar tal-awtoritajiet nazzjonali, ***iżda tali rimedju ma għandux ikun ikkunsidrat li jmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istat Membru jew jikser il-kapaċitajiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istati Membri.***

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-mekkaniżmi ta' skrinjar eżistenti tagħhom sa mhux iktar tard minn [...] (30 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament). L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull emenda għal mekkaniżmu ta' skrinjar eżistenti jew mekkaniżmu ta' skrinjar adottat riċentement sa mhux iktar tard minn 30 jum mid-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu ta' skrinjar.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-mekkaniżmi ta' skrinjar eżistenti tagħhom sa mhux iktar tard minn [...] (30 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament). L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni ***dwar*** kull emenda għal mekkaniżmu ta' skrinjar eżistenti jew mekkaniżmu ta' skrinjar adottat riċentement sa mhux iktar tard minn 30 jum mid-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu ta' skrinjar.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri m'għandhomx ikunu obbligati jipprovdu kwalunkwe informazzjoni, li l-iżvelar tagħha jkun ikkunsidrat bħala kuntrarju għall-interessi essenzjali tagħhom tas-sigurtà.

Ġustifikazzjoni

Ċerta informazzjoni rigward l-iskrinjar tista', b'mod leġittimu, tkun ikkunsidrata bħala sigrieti ta' sigurtà nazzjonali u għandha tkun protetta.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri li ma jżommux mekkaniżmi ta' skrinjar għandhom jipprovdu l-Kummissjoni b'rapport annwali li jkopri investimenti diretti barranin li seħħew fit-territorju tagħhom, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għalihom.

Emenda

3. L-Istati Membri li ma jżommux mekkaniżmi ta' skrinjar għandhom ***jintrabtu li jintroduċuhom u għandhom*** jipprovdu l-Kummissjoni b'rapport annwali li jkopri investimenti diretti barranin li seħħew fit-territorju tagħhom, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għalihom.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-Kummissjoni tqis li investment dirett barrani x'aktarx jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni ***pubblika*** fi Stat Membru wieħed jew iktar, hija ***tista'*** toħroġ opinjoni indirizzata lill-Istat Membru fejn l-investment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta. Il-Kummissjoni ***tista'*** toħroġ opinjoni irrispettivament jekk l-Istati Membri l-oħra pprovdewx kummenti.

Emenda

3. Meta l-Kummissjoni tqis li investment dirett barrani x'aktarx jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni ***pubbliku*** fi Stat Membru wieħed jew iktar, hija ***għandha*** toħroġ opinjoni indirizzata lill-Istat Membru fejn l-investment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta. Il-Kummissjoni ***għandha*** toħroġ opinjoni irrispettivament jekk l-Istati Membri l-oħra pprovdewx kummenti.

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta l-Kummissjoni tqis li investiment dirett barrani x'aktarx jaffettwa proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni abbażi ta' sigurtà jew ordni **pubblika**, il-Kummissjoni **tista'** toħroġ opinjoni indirizzata lill-Istat Membru fejn l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta.

Emenda

1. Meta l-Kummissjoni tqis li investiment dirett barrani x'aktarx jaffettwa proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni abbażi ta' sigurtà jew ordni **pubbliku**, il-Kummissjoni **għandha** toħroġ opinjoni indirizzata lill-Istat Membru fejn l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta.

Emenda 37

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Parlament Ewropew jista' jitlob l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-proġetti u l-programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku.

Emenda 38

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-opinjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi komunikata lill-Istati Membri l-oħra.

4. L-opinjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi komunikata lill-Istati Membri l-oħra. **Meta l-Kummissjoni tkun tat opinjoni skont dan l-Artikolu, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew bħala parti minn djalogu strutturat dwar l-investiment dirett barrani li jaffettwa s-sigurtà u l-ordni pubbliku.**

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri fejn huwa ppjanat jew tlesta l-investment dirett barrani għandhom iqisu bl-akbar reqqa l-opinjoni tal-Kummissjoni u jipprovdu spjegazzjoni lill-Kummissjoni fil-każ li l-opinjoni tagħha mhijiex segwita.

Emenda

5. L-Istati Membri fejn huwa ppjanat jew tlesta l-investment dirett barrani għandhom iqisu bl-akbar reqqa l-opinjoni tal-Kummissjoni u **għandhom** jipprovdu spjegazzjoni **dettaljata** lill-Kummissjoni fil-każ li l-opinjoni tagħha ma tkunx segwita.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra skont l-Artikoli 8(4) u 9(2) tkun disponibbli lill-Kummissjoni u l-Istati Membri li talbuha mingħajr dewmien mhux dovut.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra skont l-Artikoli 8(4) u 9(2) tkun disponibbli lill-Kummissjoni u l-Istati Membri li talbuha mingħajr dewmien mhux dovut, **fil-qafas ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 6(2), u tikkonforma mar-rekwiżiti kwalitattivi minimi għall-affidabbiltà u l-komparabbiltà tas-settijiet ta' data.**

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Il-prodotti, servizzi u operazzjonijiet tan-negozju tal-investitur barrani u tal-impriża li fiha l-investment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta;

Emenda

(c) Il-prodotti, servizzi, **privattivi** u operazzjonijiet tan-negozju tal-investitur barrani u tal-impriża li fiha l-investment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta;

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) il-pajjiżi terzi li fihom l-investitur barrani iwettaq parti sostanzjali ta' investimenti u operazzjonijiet tan-negozju;

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli għall-Istat Membru li tista' tgħin biex jiġi determinat jekk l-investiment jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, **b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali.**

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt ta' skrinjar tal-investiment dirett

Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt **istituzzjonali** ta' skrinjar tal-

barrani ("punt ta' kuntatt ta' skrinjar IDB") għall-iskrinjar tal-investment dirett barrani. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jinvolvu dawn il-punti ta' kuntatt ta' skrinjar IDB dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

investment dirett barrani ("punt ta' kuntatt **istituzzjonali** ta' skrinjar IDB") għall-iskrinjar tal-investment dirett barrani. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jinvolvu dawn il-punti ta' kuntatt ta' skrinjar IDB dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiltaqgħu regolarment biex jiddiskutu l-aħjar prattiki fl-iskrinjar tal-investment u jikkoordinaw dwar fatturi li qed jiġu kkunsidrati fis-sens tal-Artikolu 4 bil-ħsieb tal-armonizzazzjoni ta' dawn l-elementi.***

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux iktar tard minn tliet (3) snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju u għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux iktar tard minn tliet (3) snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju u għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. ***Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni għandha tippreżenta reviżjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn sitt snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li tali reviżjoni mhix meħtieġa, għandha tagħti ġustifikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għad-deċiżjoni tagħha.***

Emenda 47

Proposta għal regolament Anness I – inċiż -1 (ġdid)

- ***Fond Ewropew għad-Difiża u Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża:***
- ***Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża tal-UE;***
- ***Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-finanzjament tal-Azzjoni Preparatorja dwar ir-Riċerka għad-Difiża (PADR);***

PROCĊDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment ta' qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni Ewropea
Referenzi	COM(2017)0487 – C8-0309/2017 – 2017/0224(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 26.10.2017
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 26.10.2017
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Geoffrey Van Orden 21.11.2017
Eżami fil-kumitat	26.2.2018
Data tal-adozzjoni	20.3.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 49 - : 5 0 : 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Michèle Alliot-Marie, Nikos Androulakis, Francisco Assis, Petras Auštrevičius, Amjad Bashir, Mario Borghezio, Victor Boștinaru, Elmar Brok, Klaus Buchner, James Carver, Fabio Massimo Castaldo, Lorenzo Cesa, Javier Couso Permuy, Andi Cristea, Georgios Epitideios, Knut Fleckenstein, Anna Elżbieta Fotyga, Eugen Freund, Michael Gahler, Iveta Grigule-Pēterse, Sandra Kalniete, Manolis Kefalogiannis, Tunne Kelam, Wajid Khan, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, İlhan Kyuchyuk, Ryszard Antoni Legutko, Arne Lietz, Barbara Lochbihler, Sabine Lösing, Andrejs Mamikins, David McAllister, Tamás Meszerics, Francisco José Millán Mon, Clare Moody, Javier Nart, Pier Antonio Panzeri, Demetris Papadakis, Ioan Mircea Pașcu, Alojz Peterle, Tonino Picula, Cristian Dan Preda, Michel Reimon, Sofia Sakorafa, Jaromír Štětina, Charles Tannock, László Tőkés, Ivo Vajgl, Johannes Cornelis van Baalen, Anders Primdahl Vistisen
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Laima Liucija Andrikiene, Brando Benifei, Angel Dzhambazki, Andrzej Grzyb, Antonio López-Istúriz White, Tokia Saïfi, Marietje Schaake, Igor Šoltes, Bodil Valero

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT MITLUB JAGĦTI OPINJONI**

49	+
ALDE	Petras Auštrevičius, Johannes Cornelis van Baalen, Iveta Grigule-Pēterse, Ilhan Kyuchyuk, Javier Nart, Marietje Schaake, Ivo Vajgl
EFDD	Fabio Massimo Castaldo
PPE	Asim Ademov, Michèle Alliot-Marie, Laima Liucija Andrikienė, Elmar Brok, Lorenzo Cesa, Michael Gahler, Andrzej Grzyb, Sandra Kalniete, Manolis Kefalogiannis, Tunne Kelam, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Alojz Peterle, Cristian Dan Preda, Tokia Saïfi, Jaromír Štětina, László Tökés
S&D	Nikos Androulakis, Francisco Assis, Brando Benifei, Victor Boştinaru, Andi Cristea, Knut Fleckenstein, Eugen Freund, Wajid Khan, Arne Lietz, Andrejs Mamikins, Clare Moody, Pier Antonio Panzeri, Demetris Papadakis, Ioan Mircea Paşcu, Tonino Picula
VERTS/ALE	Klaus Buchner, Barbara Lochbihler, Tamás Meszerics, Michel Reimon, Igor Šoltes, Bodil Valero

5	-
EFDD	James Carver
GUE/NGL	Javier Couso Permuy, Sabine Lösing, Sofia Sakorafa
NI	Georgios Epitideios

7	0
ECR	Amjad Bashir, Angel Dzhambazki, Anna Elżbieta Fotyga, Ryszard Antoni Legutko, Charles Tannock, Anders Primdahl Vistisen
ENF	Mario Borghezio

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni